## Qorti Civili
## (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 3 ta' Dicembru 2015**

**- RITRATTAZZJONI -**

**- QERQ PROCEDURALI U NUQQAS TA' NOTIFIKA -**

**- ARTIKOLU 811 (A) U (B) TAL-KAP 12 -**

Rikors Guramentat Nru. 264 / 10RGM

Kawza fil-lista: 18

**L-Avukat Dott. Lorraine Schembri Orland bhala**
**mandatarja specjali tal-assenti A B**
**vs**
**A B u permezz tad-digriet tas-17 ta' Ottubru 2013**
**Dr Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud**
**gew kjamati fil-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mir-ritrattandi fit-2 ta' Awwissu 2010 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"Illi fil-hdax (11) ta' April tas-sena elfejn u sitta (2006) l-intimat intavola Rikors Guramentat li jgib in-numru 133/06 quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) sabiex jottjeni l-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, fejn ippremetta illi:

a) Illi hu zzewweg lill-intimata fit-24 ta’ Lulju 1979 u minn dan iz-zwieg kien hemm tfal Liana ta’ sbatax (17) –il sena u Rachael ta’ wiehed u ghoxrin (21) sena;

b) Illi xi zmien wara z-zwieg l-intimata telqet minn Malta u abbandunat iz-zwieg u dan minghajr ebda pre-avviz u hadet it-tfal maghha;

c) Illi jidher car illi l-intimata qatt ma kellha hsieb sabiex tibqa’ Malta u bhala fatt r-rikorrenti illum ma jafx fejn hi;

d) Illi r-rikorrenti gie awtorizzat sabiex jipprocedi ghas-separazzjoni personali;

Talab lill-Qorti sabiex:

i. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

ii. Tordna illi l-intimata hija hatja tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmija fil-Kodici Civili u ghalhekk ghandha titlef a bazi tal-istess Kodici Civili il-jeddijiet imsemmija fl-artiklu 631, 633, 825, 826 u 827 kif ukoll dan kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b’ donazzjoni bi hsieb taz-zwieg jew waqt iz-zwieg jew taht titolu iehor gratwit kif ukoll kull jedd ta’ parti miz-zwieg ghan-nofs ta’ akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala data meta l-parti l-ohra ghandha tkun kkunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda;

iii. Tinnomina Nutar biex jippublika l-att opportun u kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumacja.

iv. Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija ngunta ghas-subizzjoni.

SENTENZA TAL-QORTl

Illi fis-sentenza taghha, deciza fis-sitta (6) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) il-Qorti ddecidiet li tilqa’ l-ewwel talba attrici u tippronunzja is-separazzjoni personali ghall-htija unikament tal-konvenuta assenti fit-termini ta'1-artikolu precitat; kif ukoll laqghet it-tieni talba u applikat fil-konfront tal-konvenuta assenti d-dispost ta' l-artikolu 6 fl-intier tieghu u ordnat ix xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, u assenjat is-sehem tal-konvenuta fil-komunjoni lill-attur li minn naha tieghu ghandu jaghmel tajjeb ghad-dejn kollu gravanti l-istess komunjoni ta' l-akkwisti; u ghalhekk il-proprjetajiet hemm deskritti Dar Romina u il-garage bl-isem Croydon gew assenjati lill-attur fl-intier taghhom. Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta salv dawk ghal kuraturi deputati li kellhom provvizorjament jithallsu mill-attur.

PROCEDURI ODJERNl

1. Illi l-attrici ma gietx validament notifikata bil-kawza li taghha qeghda tintalab ir-revoka tas-sentenza u l-eventwatwali ritrattazzjoni. Fil-fatt hija qatt ma kienet konsapevoli bil-proceduri.

2. Illi l-konvenut kellu mezzi biex jikkomunika mal-attrici. Meta telqet minn Malta fis-sena elf, disa' mija u sitta u disghin, (1996) marret tabita fid-dar residenza tal-familja taghha 26 Palmerstown Drive, Dublin 20, maghruf ghall-konvenut li kien anke ghex f'din id-dar hu stess. Hbieb u konoxxenzi tal-konvenut marru izuruha f'din id-dar u kien l-istess konvenut li tahom l-indirizz kif jirrisulta waqt it-trattazzjoni u membri tal-familja taghha. Familjari taghha baqghu jabitaw f'dan 1-indirizz anke fiz-zmien meta kien hemm il proceduri li taghhom qed tintalab ir-ritrattazzjoni.

3. Inoltre kellu anke informazzjoni u mezzi telefonici biex jikkomunika maghha u ma’ uliedhom li kienu fil kura taghha tul dawn is-snin kollha. Uliedhom gieli zaru lili-konvenut u kellu kull mezz li jikkuntattja lilhom u lill-attrici.

4. Illi minkejja li l-konvenut kellu mezzi biex jikkomunika mal-attrici, intenzjonalment u b'qerq sabiex hi ma jkollhiex l-opportunita' li tipproduci x-xiehda taghha naqas milli jaghmel hekk.

5. Illi l-esponenti hija cittadina tal-Unjoni Ewropeja u tghix fl-lrlanda, pajjiz f1-Unjoni Ewropeja. Madanakollu l-istess intimat xorta ma segwix il proceduri u regolamenti ta' notifika skond il-Ligi u mexa bil-procedura ta' kuratur tal-assenti u sahansitra, bl-istess qerq u malafede, talab li jigi esentat mill-proceduri ta' medjazzjoni.

6. Illi sahansitra ulied il-kontendenti, Rachel u Iliana, ircevew invit ghat-tieg ta’ kugin tal-intimat fl-indirizz attwali tal-esponenti, cioe 3 Palmers Court, Palmerstown Manor, Dublin 20 Ireland, liema tieg sehh fis-27 ta April 2008;

7. Illi l-konvenut kien fil-fatt konsapevoli ta’ diversi mezzi kif seta jikkomunika mal-esponenti, kemm bil-kitba, kif ukoll bil-mezzi elettronici;

8. Illi minkejja dan kollu, il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza b'mod li tort ta' l-istess konvenut ma giex osservat il-principju ta' gustizzja naturali audi alteram partem.

9. Illi konsegwentement fis- 6 ta Dicembru 2007 l-istess konvenut A B ottjena sentenza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-konfront tal-kontendenti li

permezz tal istess gew assenjati lill-konvenut il-beni immobbli tal-kontendenti u l-assi u djun kollha.

10. Illi l-attrici saret taf b'din is-sentenza fix-xahar ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) meta hi intavolat mandat ta' inibizzjoni sabiet l-istess intimat jigi inibit milli ibiegh proprjeta immobbli f'ismu in kawtela tal-krediti taghha kontrih ghal sehemha mir-rikavat tal-bejgh tad-dar gja matrimonjali taghha. (Mandat Numru 1039/2010 RCP). Meta l-intimat deher fit-8 ta Lulju 2010 ghat-trattazzjoni, svela l-informazzjoni dwar il-kawza u sentenza.

11. Illi l-istess attrici dakinhar stess kellha tirtira ir-rikors taghha biex tirregola ruhha u pprezentat rikors iehor ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fl-istess ismijiet premessi, li fih ippremettiet ir-ragunijiet taghha ghal ritrattazzjoni, liema rikors gie milqugh;

12. Illi ghalhekk qed isiru dawn il-proceduri ta' ritrattazzjoni.

13. Illi ghalhekk fid-dawl tal-fatti u cirkostanzi kollha, hemm lok ta' ritrattazzjoni u dan peress li s-sentenza deciza mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) Rikors Gurarnentat numru 133/2006 fl-ismijiet "A B v L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Marese Maread B" hija nulla u bla effett u dan peress li ttiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara ta' l-ohra kif ukoll ghaliex ir-rikors guramentat ma kienx gie notifikat validament lill-parti telliefa, u din il-parti, ghad li ma gietx notifikata, ma dehritx fis-smiegh tal-kawza u ghalhekk l-attrici ma kinitx legalment notifikata skond il-1igi u dan bi pregudizzju kbir ghaliha.

14. Illi ghalhekk hemm lok car ta' ritrattazzjoni a bazi ta' l-Artikolu 811 (a) u 811 (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

TALBIET

Ghal dawn il-motivi, l-esponenti umilment titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) Rikors Guramentat Numru 133/2006 NC fl-ismijiet 'A B v L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Marese Maread B li giet deciza fis-sitta (6) ta Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) u;

2. Tordna r-ritrattazzjoni ta' l-istess kawza a tenur ta' l-Artikolu 811 (a) u 811 (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nurnru 1087/10 fl-istess ismijiet premessi kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenutipprezentata fl-14 ta' Marzu 2011 li taqra kif gej:-

1. "Illi preliminarjament l-odjerni proceduri ma setghux isiru ghaliex r-rikorrenti diga fethet kawza ta' separazzjoni personali kontra l-prezenti zmien qabel u fiz-zmien qabel l-intavolar tal-prezenti proceduri hija ma hallsitx l-ispejjez gudizzajrji tal-kawza precedenti li ggorr l-ismijiet Suzanne Caruana noe vs A B citazz Nru 1130/97 li giet ikkancellata fid-9 ta' Frar 2000;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju l-gudizzju mhux integru ghax il-kuraturi fil-kawza precedenti 133/2006 NC mhumiex fil-kawza odjerna.

3. Illi fit-tieni lok ghandu jigi pprezentat l-mandat specjali li A B ghamlet favur l-Avukat Dottor Lorraine Schembri Orland;

4. Illi t-talbiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante li l-esponenti ma kienx jaf l-indirizz ta' martu minhabba l-fatt li kienet iccaqalqet minn fejn kienet qieghda toqghod u ma kienx jaf fejn kienet qieghda tirrisjedi u minkejja d-diversi tentattivi sabiex jikkontatjha dawn spiccaw fix-xejn.

5. Illi ghalhekk ma hemmx kaz ta' ritrazzjoni tal-istess kawza ghax ma hemm ebda frodi jew ingann u dan irid jigi ppruvat mir-rikorrenti."

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Dott. Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud, kuraturi deputati fis-sentenza li qed tigi mpunjata li taqra kif gej:

"Illi l-esponenti noe fil-mori tal-kawza fl-ismijiet A B vs Dr Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Marese Maread B (Rik 133/2006 NC) qatt ma kienu nfurmati mill-intimat A B b'xi ndirizz jew mezz iehor kif u fejn setghu jikkomunikaw mal-imsemmija assenti.

Illi ghalhekk fl-imsemmija kawza huma ma kinux edotti mill-fatti.

Illi huwa biss f'dan l-istadju ta' dan ir-rikors illi saru jafu fejn seta' jsir kuntatt ma' A B.

Salvi risposta u eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat li fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru 2011 din il-Qorti diverament presjeduta ordnat li l-okkju tal-kawza jigi emendat u jizdiedu l-ismijiet tal-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u tal-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li kienu kuraturi deputati fis-sentenza li qed tigi mpunjata bil-proceduri odjerni.

Rat li b'digriet moghti fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2013 din il-Qorti laqghet it-talba tar-ritrattat, irrevokat contrario imperio d-digriet imsemmi tas-6 ta' Dicembru 2011 u minflok ordnat il-kjamat in kawza tal-Avukat Dott. Beppe Fenech Adami u tal-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud.

Rat illi b'digriet moghti fl-istess udjenza tas-17 ta' Ottubru 2013 il-Qorti ordnat li jigu allegati l-atti tal-medjazzjoni numru 225/06 kif ukoll ir-rikors ta' nomina ta' kuraturi deputati ghall-assenti f'dawk il-proceduri.

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta' Gunju 2015.

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**L-AZZJONI TAR-RITRATTANDI**

Permezz tal-kawza odjerna r-ritrattandi qed titlob illi s-sentenza moghtija fis-6 ta' Dicembru 2007 minn din il-Qorti diversament presjeduta tigi mhassra u revokata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi peress illi f'dik il-kawza b'rizultat ta' qerq adoperat mir-ritrattata, allura attur f'dik il-kawza, r-ritrattandi odjerna, allura konvenuta f'dik il-kawza, ma kinitx giet notifikata biha, ma kinitx taf dak iz-zmien li hemm kawza kontra taghha bil-konsegwenza illi r-ritrattat ottjena kontra taghha sentenza bi ksur tal-massima legali "audi alteram partem".

Ir-ritrattat qed jilqa' ghal din l-azzjoni promossa mir-ritrattandi billi jikkontendi illi fil-kawza l-ohra huwa kien kostrett jitlob in-nomina ta' kuraturi deputati peress li ma kienx jaf fejn r-ritrattandi odjerna kienet dak iz-zmien qed tirrisjedi peress li skond hu hija kienet bidlet ir-residenza taghha u ma kienx jaf fejn marret tirrisjedi.

**PROVI TAR-RITRATTANDI**

Ir-ritrattandi **A B** xehdet bil-mezz tal-affidavit[1]. Hija tispjega illi l-partijiet kienu izzewgu fis-sena 1980, fis-sena 1982 marru jirrisjedu l-Irlanda u irritornaw lura Malta fis-sena 1989. Issemmi l-problemi matrimonjali li ltaqghu maghhom f'dawk is-snin kagun tal-vizzji sew tad-droga kif ukoll ta' konsum eccessiv ta' alkohol da parti tar-ritrattat zewgha. Tispjega illi meta saret taf li r-ritrattat kien beda wkoll relazzjoni adultera hija ddecidiet li z-zwieg taghhom kien tkisser irrevokabilment u ghalhekk iddecidiet li taqbad liz-zewg uliedha minuri u tohodhom maghha lura l-Irlanda, l-pajjiz ta' l-origini taghha. Fi zmien qasir ir-ritrattat dahhal fid-dar matrimonjali lis-siehba tieghu. Tghid hekk fir-rigward:-

*"It was for this reason that I left Malta with the children in 1996 and I had returned to my family home in Dublin, at 26 Palmerstown Drive, Palmerstown, Dublin 20. A was fully aware at all times of my whereabouts in Ireland after I left Malta in 1996. The children and I lived for a time at 26 Palmerstown Drive on our return and the old family home has been in our family for over fifty years. A has also lived in this property for a time. There are several points which may better convey how A knew of my whereabouts as shall be hereunder mentioned.*

*The children and I were unaware that the family home in Malta had been awarded to A and my youngest daughter, Iliana, found out by accident when A's partner, Jo Palmer posted photos of the demolished house on facebaok.*

*I had filed a case for personal separation which was deserted after some time. Following this, A had commenced proceedings for personal separation and the termination of the community of acquests and a decision was granted on the 6th December of the year 2007 which ordered our personal separation and also pronounced that I was responsible for the breakdown of the marriage. Also, my share in the community of acquests was assigned to my husband A B including all liabilities of the same community of acquests. It was for this reason that the property at Oar Romina, Fgura and also the garage named 'Croydon' were assigned to A B.*

*I was not notified of these proceedings and I was completely unaware of them and also of the decision granted by the Court. A B stated during the proceedings (Vide Doc. A pages 1- 3) that he was not aware of my whereabouts and that he had last seen me in 1998. This was not true since A B was fully aware of my whereabouts since I was in my family home at 3 Palmers Court or myoid family home at 26 Palmerstown Drive and he had all the means to contact me at either location .. In fact, A had sent our Financial Advisor from Malta, Charles Attard, to speak to me and the latter had indeed come to the address at 26 Palmerstown Drive for this reason.*

[1] Fol. 31

*A has also passed this same address to his Legal Representative in Ireland namely, Enda P Moran, who had sent correspondence to myself to the address above mentioned in Dublin with regards to our personal separation. (Vide Doc. 8).*

*A friend of A, Joseph Cassar, had also visited me in Ireland approximately five years ago with his work with the Malta Olympic Committee. He had contacted me and also had my direct mobile number.*

*Not only A and some of his friends had means to contact me but also other members of A's family. In fact several members of A's family had sent diverse types of correspondence to Rachel and lIiana, my two daughters at the same address above mentioned in Dublin.*

*When my daughter's cousin namely, Gordon Spiteri, who resided at Hal Ghaxaq, was to be married on the 27th April of the year 2008, my daughters received a wedding invitation at the same address above mentioned in Dublin (Vide Doc. C). This also shows that the mother of the groom, A's only sister, was aware of my location and had my address.*

*Iliana had returned to Malta for approximately six months in the year 2005 and as evidence of this I am also presenting some photos of her stay in Malta (Vide Doc D pages 1- 4). These show Iliana, A and his partner and also other members of the family. This conveys that A was in touch with his daughters after we left Malta in 1996 by written correspondence and also by electronic means including e-mail and facebook.*

*Not withstanding the fact that A knew of my whereabouts, he failed to notify me of the commencement of the proceedings and also finally even of the decision of the Court. I believe that this was done fraudulently and with malice in order for me not to be able to give witness and present my witnesses in the case."*

Tkompli tghid r-ritrattandi: *"Contacting me was easy by any means of communication, electronic or by post yet A never notified me with any court documents and I was therefore denied my right to be heard in the separation proceedings."*

Tikkonkludi l-affidavit taghha billi tispjega illi kien purament accidentali li saret taf li r-ritrattat kien ad insaputa taghha akkwista sehemha mid-dar matrimonjali u dan peress li s-siehba tar-ritrattat, Jo Palmer, poggiet fuq facebook ritratt tad-dar matrimonjali il-Fgura imwaqqa'. Kien ghalhekk illi hija immedjetament ikkuntatjat l-Avukat taghha f'Malta u saret taf li r-ritrattat kien ad insaputa taghha istitwixxa kawza kontra taghha u minflok ma giet avzata bil-kawza kien talab li

jigu nominati kuraturi deputati ghall-assenti ghaliex iddikjara li martu kienet qed tirrisjedi fl-esteru u ma kienx jaf fejn kienet qed toqghod.

Mal-affidavit taghha r-ritrattandi pprezentat ukoll estratt mix-xhieda li A B kien ta fil-kawza fl-ismijiet "A B vs. Dr Beppe Fenech Adami et noe" (Rik Gur nru 133/06 NC). A B kien gie msejjah ghall-udjenza tas-27 ta' Marzu 2007 mill-Onor. Imhallef Noel Cuschieri li kien qed jippresjedi dak il-kaz u saqsih ripetutament dwar x'informazzjoni kellu fir-rigward tal-lok residenzjali tal-assenti. A B iddikjara bil-gurament ghall-aktar minn darba li ma kellux idea fejn qed tirrisjedi martu gewwa l-Irlanda:

"Domanda mill-Qorti:
Illum il-gurnata taf fejn toqghod?"

Risposta A B:
"Lanqas idea, naf li toqghod l-Irlanda kienet l-ahhar li naf.

Domanda mill-Qorti:
L-ahhar li rajtha l-Irlanda. Pero' llum ma tafx fejn qeda bil-gurament tieghek?

Risposta A B:
"Le".

In **kontro-ezami** maghmul waqt l-udjenza tad-19 ta' Frar 2013[2] ir-ritrattandi spjegat illi fis-sena 1996 hija kienet istitwiet proceduri f'Dublin dwar separazzjoni personali u dwar il-kura u kustodja tal-minuri. F'dawk il-proceduri fl-Irlanda r-ritrattat B kien gie notifikat ufficjalment u sahansitra kien deher personalment. Il-proceduri kienu inqatghu fis-sena 1999, giet dikjarata s-separazzjoni tal-partijiet u l-omm inghatat il-kura u kustodja taz-zewg minuri.

Spjegat illi ghalkemm hija kienet ukoll fethet kawza f'Malta kienet eventwalment abbandunatha peress li kienet ottjeniet sentenza fl-Irlanda u dwar il-proprjeta' kienet qed tinnegozja mal-intimat. Ir-ritrattandi cahdet li hija qatt irceviet ittra minghand l-Avukat ta' zewgha fl-indirizz taghha gewwa l-Irlanda. Ir-ritrattandi ezebiet numru ta' dokumenti bhal kontijiet ta' dawl u ilma, invit ghal tieg f'Malta lil bintha, kopji ta' formuli tal-incomet tax, sabiex turi illi ghal diversi snin hija kienet qed tirrisjedi ma' bintha Iliana gewwa 3, Palmers Court, Palmerstown Manor, Dublin, l-Irlanda.[3]

Xehdet **Mary Paula Keegan-Flynn, oht r-ritrattandi**, bil-mezz ta' affidavit[4]. Fix-xhieda taghha spjegat illi meta missierha miet fis-sena 1997 huwa halliha

---

[2] Fol. 77
[3] Fol. 86
[4] Fol. 61

werrieta tad-dar tal-familja li tinstab 26 Palmerstown Drive, Palmerstown, Dublin 20. Sas-sena 1994 hija kienet qeghda tirrenova dik id-dar meta dahlet tirrisjedi fiha. Ommha kienet toqghod flimkien maghha fi flatlet anness ma’ dik id-dar. Hija ddikjarat illi mis-sena 1994 sakemm kienet qeghda tixhed qatt ma irceviet atti jew dokumenti ohra mill-Qorti Maltija. Spjegat illi meta r-ritrattandi irritornat biz-zewg uliedha fl-Irlanda fis-sena 1996 hija kienet sabet impieg u bdiet tattendi korsijiet sabiex ittejjeb l-impieg taghha peress li riedet safejn possibbli taghti liz-zewg ulieda minuri hajja stabbli. Ghal dawn l-ahhar snin r-ritrattandi kienet qeghda tahdem bhala assistenta personali ta’ tabib gewwa klinika.

Xehdet ukoll **Iliana Danielle B, bint il-partijiet,** bil-mezz ta’ affidavit[5]**.** Hija kkonfermat ix-xhieda ta’ ommha u taz-zijitha illi fis-sena 1996 hija traslokat minn Malta ghall-Irlanda flimkien ma’ ohtha u ommha. Huma marru joqghodu fid-dar taz-zija taghha Paula Keegan Flynn u cioe’ 26 Palmerstown Drive, Dublin 20. Xhedet illi ftit xhur wara li waslu l-Irlanda huma flimkien maz-zija traslokaw gewwa dar f’Palmerstown Avenue, hames minuri boghod mid-dar f’Palmerstown Drive. Missierha u s-siehba tieghu kienu telghu l-Irlanda fil-Milied u marru jigbru lilha u lil ohtha minn din id-dar f’Palmerstown Drive. Fis-sena 1999 hi flimkien ma’ ohtha u ommha marru joqghodu f’dar gdida f’Palmerstown Manor. Tghid li minn dak iz-zmien sallum ghexet f’dik id-dar f’Palmerstown Manor flimkien ma’ ommha hlief fiz-zmien li kienet tattendi l-kullegg. Fis-sena 2004 giet ghal btala f’Malta ghal zmien xahrejn. Qadet ghand missierha u s-siehba tieghu fid-dar tal-Fgura sakemm irritornat lura l-Irlanda. Fis-sena 2005 iddecidiet li tigi Malta ghal esperjenza ta’ xoghol u damet hawn Malta ghal circa sitt xhur. Peress li missierha kien qed jirrisjedi f’Restaurant li kien jiggestixxi gewwa Marsascala hija kienet tirrisjedi fid-dar tal-Fgura. Irritornat lura l-Irlanda f’Novembru 2005. Matul dawk is-sitt xhur kienet f’kuntatt kontinwu ma’ missierha u s-siehba tieghu.

Issemmi illi matul iz-zmien li kienet hawn Malta saret taf lil certu Joseph Cassar li kien habib ta’ missierha. Tispjega li dan Joseph Cassar spiss kien ikun fi Driftwood Café gestit minn missierha. Tghid li tant kienu saru hbieb illi meta Cassar kien f’okkazzjoni minnhom tela’ l-Irlanda fuq xoghol huwa kien mar jaraha fid-dar ta’ ommha fl-Irlanda.

Tghid illi matul is-sitt xhur li kienet Malta tirrisjedi fid-dar tal-Fgura kienet tellghat kont tat-telefon ta’ mijiet ta’ ewro. Hija kienet iccempel lil ommha u lil ohtha fl-Irlanda. Sakemm damet Malta missierha ma qalilha xejn izda meta irritornat lura l-Irlanda beda jinsisti maghha li ghandha thallsu l-kontijiet tat-telefon li kienet ghamlet mid-dar fil-Fgura. Hija ammettiet li kienet ghamlet zball li ghamlet hafna telefonati lejn l-Irlanda pero’ tispjega illi permezz ta’ dawk il-kontijiet missierha setgha facilment jivverifika in-numri tat-telefon fl-Irlanda li kienet cemplet fuqhom.

[5] Fol. 63

Hija kienet ferm sorpriza meta saret taf li sew missierha kif ukoll l-imsemmi Joseph Cassar xhedu fil-kawza l-ohra illi ma kienux jafu fejn r-ritrattandi ommha qed tirrisjedi. Skond ix-xhud sew missierha kif ukoll Cassar kienu jafu fejn ommhom qed tirrisjedi oltre li missierha kien jaf anke n-numru telefoniku tar-ritrattandi.

Wara li rritornat f'Novembru 2005 lejn l-Irlanda u missierha beda jinsisti maghha li thallsu l-kontijiet tat-telefon li kienet ghamlet hija kienet iggieldet ma' missieru u nqata' l-kuntatt bejniethom sakemm fis-sena 2008 irceviet invit ghal cerimonja tat-tieg tal-kugini taghha f'Malta. L-invit intbaghat fl-indirizz 3, Palmers Court, Palmerstown Manor, Dublin 20. F'April ta' dik is-sena giet Malta ghal dak it-tieg u meta kienet hawn regghat bdiet titkellem ma' missierha. Sussegwentment giet darbtejn ohra Malta ghal btala qasira.

Xehdu wkoll il-konvenuti **Avukat Dott. Beppe Fenech Adami** u l-**Prokuratur Legali Veronica Rossignaud**.[6] Dr. Fenech Adami spjega li huwa fittex il-file tal-kaz u jista' jghid illi bhala kuratur ghall-assenti fil-kawza numru 133/06NC, fit-12 ta' Mejju 2006 kien kiteb lil Dr Martin Fenech u talbu kwalunkwe informazzjoni sabiex ikun jista' jikkomunika mal-assenti A B. Mir-records tieghu ma kienx jirrizulta li rcieva risposta. Mistoqsi minn Dr Martin Fenech jekk jiftakarx li ghal dik l-ittra kien irrispondih verbalment billi ssuggerielu jkellem lill-Avukat difensur tal-assenti ta' dak iz-zmien, Dr. Fenech Adami irrisponda li ma jiftakarx li kien hekk intqal lilu pero' kkonferma li fil-file tieghu risposta bil-miktub m'ghandux. Il-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud xehdet illi lilha hadd ma ghaddilha informazzjoni dwar l-assenti.

**PROVI TAR-RITRATTAT**.

Ir-**ritrattat A B** xehed waqt l-udjenza tas-7 ta' Mejju 2014[7]:-

*"Fin-1996 meta telqet ovvjament konna nafu fejn qieghda ghax kellna kawza maghha u hekk fethitilna hi stess. Sa ftit wara kont naf fejn qieghda u meta shabi marru jarawha biex jippruvawlna iva of course li konna nafu fejn qieghda. Mhux talli konna nafu fejn qieghda, talli kelli kaz maghha l-Irlanda u kemm-il darba tlajt hemm jien u rajtha hemmhekk ghax is-separazzjoni gibniha mill-Irlanda l-ewwel. Meta kienet toqghod m'ohtha konna nafu fejn qieghda preciz, 26, Palmer South Drive. Wara li telqet minghand ohtha u wara li telqet il-kawza le, tlifna l-kuntatt u ma konnix nafu fejn qieghda assolutament. Ippruvajt nikkuntattja lil ohtha fejn kien l-ahhar address. Ovvjament qatt ma sibt ghajnuna minghand ohtha u qaltli jekk terga' ccempel hawn I'm gonna put the police on the case ghax*

[6] Fol. 123 et. seq.
[7] Fol. 140

*qed tihhesiljani. Ghidtilha jien irrid inkun naf fejn hi marti u fejnhom uliedi, kien hemm zewgt itfal ukoll involuti u din qabdet u telqet hesrem."*

*"Meta stednuha t-tfal ta' ohti ghat-tieg, it-tfal ta' ohti saru jafu fejn qieghda through facebook u stednuha ghat-tieg. Meta stednuha ghat-tieg, it-tfal gew ghat-tieg u dik l-ewwel darba li kellimthom. Kien hemm il-kugini jigifieri, kien hemm kulhadd xhud illi dakinhar iltqajna mat-tfal, dakinhar sirna hbieb, dakinhar ergajt sirt nafhom lil uliedi, dawn is-snin kollha wara. Qabel kienu jigu holiday hawn Malta biss kienu dejjem avzati illi ma jaghtux informazzjoni, la telephone numbers, la addresses xejn. Jien kemm-il darba ppruvajt nikkuntattjaha, even through facebook, u jekk nistghu nidhlu fuq ir-rekords ta' facebook hemm hafna friends requests illi jiena bghattilha fuq facebook biex nipprova nikkuntattjaha u qatt ma kkonfermathom."*

In kontro-ezami[8] A B kkonferma li martu kienet telqet minghajr pre-avviz minn Malta fi Frar tas-sena 1996 u maghha hadet liz-zewg ulied minuri. Mistoqsi kemm-il darba tela l-Irlanda minn dak iz-zmien jghid li minn darba sa darbtjen. Qal illi meta kien l-Irlanda kien mar fil-post fejn martu kienet qeghda toqghod ma' ohtha u cioe' 26 Palmers Town Drive Dublin 20. Ikkonferma li ohtha ghadha toqghod hekk sallum. Ikkonferma wkoll li kien jaf li meta martu marret toqghod band' ohra dan kien post fil-vicinanzi tad-dar ta' ohta pero' ma kienx jaf bl-indirizz tieghu. Jghid li ghalkemm kien baqa' f'kuntatt ma' uliedu dawn ma kienux jaghtuh informazzjoni dwar in-numru tat-telefon ta' ommhom. Jghid li fuq facebook kien baghtilha 'friend request' izda ma wegbitux. Spjega li meta martu kienet ghadha toqghod ghand ohtha huwa kien icemplilha spiss pero' kellu jieqaf fuq talba taghha stess minhabba li bdiet takkuzah li qed jivvesaha.

Wiegeb li kien jaf li fl-Irlanda kienu marru jkellmu lill-martu zewgt ihbieb tieghu Charles Attard u Joseph Cassar. Qal ukoll li lil dan ta' l-ahhar kien tah in-numru tat-telefon ta' martu sabiex seta' jaghmel kuntatt maghha. Xehed illi ghalkemm kellu anke l-facebook account ta' martu ma setax jghid jekk kienx ghaddih lill-Avukat tieghu fiz-zmien tal-kawza istitwita fis-sena 2006. Jikkonkludi x-xiehda tieghu billi jghid li fiz-zmien li kienet miexja l-kawza numru 133/06NC huwa ma setghax jikkomunika ma' martu fl-Irlanda.

Fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 2014 xhed l-**Avukat Dott. Martin Fenech**. Huwa spjega li meta fetah il-kawza fis-sena 2006 ghan-nom tal-klijent tieghu B, il-klijent tieghu kien qallu li ma kienx jaf fejn qed tirrisjedi A B u kien ghalhekk li istitwixxa l-proceduri kontra kuraturi. Dwar l-ittra li giet ezebita f'dawn il-proceduri minn Dott. Beppe Fenech Adami indirizzata lilu jitolbu informazzjoni fejn jista' l-kuratur deputat tal-assenti jikkomunika mar-ritrattandi, jghid li l-ittra ma fihiex data u fil-file tieghu ma sab xejn fir-rigward. Ikkonkluda ghalhekk illi

[8] Fol. 153

dik l-ittra qatt ma kien irceviha. In kontro-ezami[9] ix-xhud Dott. Fenech accetta illi l-ittra li ezebixxa Dott. Fenech Adami (Dok FA1) kellha fil-fatt data. Dott. Fenech xehed ukoll illi meta kien avvicina verbalment lill-Avukat tas-Sinjura B jistaqsiha kenitx ghadha l-Avukat taghha huwa ma kienx spjegalha li kien behsiebu jiftah kawza kontra r-ritrattandi.

Ikkunsidrat;

**L-AZZJONI ATTRICI**.

Permezz tal-kawza odjerna ir-rittrattandi A B qed titlob li s-sentenza li zewgha A B ottjena kontra taghha fis-6 ta' Dicembru 2007 ghandha tigi mhassra u revokata u tigi trattata mill-gdid ai termini tal-Arikolu 811 (a) u (b) tal-Kap. 12 stante li f'dik il-kawza hija qatt ma giet validament notifikata u A B qarraq meta ddikjara li ma kienx jaf fejn qed tirrisjedi martu fl-Irlanda.

L-intimat ritrattat qed jikkontesta din it-talba u jsosntni li fiz-zmien rilevanti huwa ma kienx jaf fejn qed tirrisjedi martu u li ghalhekk ma kellux triq ohra hlief li jitlob in-nomina ta' kuraturi deputati ghall-assenti. Jsosnti li lill-kuraturi deputati ghall-assenti ma seta' jaghtihom ebda informazzjoni kif jistghu jikkomunikaw mal-assenti.

**IL-LIGI APPLIKABBLI**.

L-azzjoni promossa mir-ritrattandi hija msejsa fuq l-Artikolu 811 (a) u (b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li huma applikabbli ghal sentenza moghtija minn Qorti tal-prim' istanza bis-sahha tal-Artikolu 812 li jipprovdu kif gej:-

**Artikolu 811.**

***Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:***

***(a) jekk is-sentenza tkun ittieħdet bil-qerq ta' waħda mill-partijiet bi ħsara tal-oħra;***

***(b) jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża;***

---
[9] Fol. 152

- omissis -

**Artikolu 812**.

***Ir-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija minn qorti tal-ewwel grad, u li għaddiet f'ġudikat, tista' tingħata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun ġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun għalaq iż-żmien tal-appell.***

**Artikolu 813**

***Ir-ritrattazzjoni ma tingħatax ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 811 u ma tingħatax ħlief għal dawk il-kapi tas-sentenza attakkata illi dwarhom tkun teżisti xi waħda minn dawk ir-raġunijiet kif ukoll għall-kapi l-oħra li jkunu dipendenti minnhom.***

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**.

**IR-RITRATTAZZJONI - MIZURA STRAORDINARJA**.

In tema legali jinghad illi r-ritrattazzjoni ghandha l-ghan illi kawza deciza definittivament, 'res judicata', terga tinstema' mill-gdid. Il-procedura fir-rigward tinqasam fi tnejn:-

"Jidher car mill-kliem ta' l-Artikolu 811 fuq citat li l-gudizzju tar-ritrattazzjoni ghandu zewg ghanijiet, jigifieri dak li tigi mhassra sentenza li tkun saret gudikat bejn il-partijiet u dak li terga' tinfetah it-trattazzjoni tal-kawza biex tigi ottenuta sentenza. Isegwi ghalhekk li l-gudizzju ta' ritrattazzjoni huwa kompost minn zewg stadji, wiehed differenti mill-iehor, maghrufin fid-dottrina legali bhala "in rescindente" u "in rescissorio" (ara wkoll Koll. Vol. LXIX-IIpp219). [ Appell Superjuri - **Anna Cassar et vs Lawrence Attard et** - 03.11.2006]

Appena huwa necessarju jinghad illi r-ritrattazzjoni hi mizura eccezzjonali u straordinarja. Ir-ritrattazzjoni ta' kawza li giet deciza u saret *res judicata,* min-natura intrinsika taghha ixxellef pilastru tas-sistema guridiku taghna li jirrigwarda c-certezza tad-dritt. Litigazzjoni ghandu jkollha bidu u tmiem, u tmiem fi zmien ragjonevoli. Pilastru iehor tas-sistema guridiku taghna huwa 's-smiegh xieraq'. Sabiex issir gustizzja skond il-ligi jehtieg li meta kaz jitressaq quddiem il-Qrati mhux sufficjenti li l-kaz jinqata' fi 'zmien ragjonevoli' izda jehtieg ukoll li l-partijiet kollha fil-kawza jinghataw 'smiegh xieraq'. In-nuqqas ta' smiegh xieraq f'kawza jista' jwassal mhux biss ghal ritrattazzjoni izda wkoll ghal dikjarazzjoni

ta' ksur ta' wiehed mid-drittijiet fondamentatli tal-bniedem. Intqal hekk fir-rigward: "Din il-Qorti…..kienet konxja tal-fatt li jkun strapp tal-principji ta' gustizzja naturali jekk titolu ezekuttiv ottenut kontra persuna, ikun jista' jigi ezegwit kontra persuna ohra li ma kelliex cans tikkontesta l-akkwist tat-titolu ezekuttiv. Sitwazzjoni din li tista' tincidi wkoll fuq id-dritt ghas-smiegh xieraq kif sancit fil-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem." [Appell Superjuri - **Victor Zammit vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud et** - 17.03.2015]

Una volta r-ritrazzjoni hija mizura straordinarja li permezz taghha sentenza li saret *res judicata* tigi mwarrba sabiex il-kaz jigi trattat mill-gdid tehtieg applikazzjoni strettissima. Huwa ghalhekk li l-Artikolu 813 appena citat jaghmilha cara illi ritrattazzjoni hija permessa biss meta tirrizulta xi wahda mic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 811. L-ebda cirkostanza ohra mhux hemm kontemplata ma taghti lok ghal ritrattazzjoni. Sa recenti gie dikjarat hekk:-

"Illi bilkemm hemm għalfejn jingħad li r-ritrattazzjoni ta' kawża hija rimedju straordinarju mħolli li jsir biss fil-każijiet stabiliti fil-liġi liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija. Huwa risaput li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wieħed straordinarju, in kwantu jikkostitwixxi deroga tal-prinċipju li sentenza li għaddiet f'ġudikat għandha l-forza ta' liġi bejn il-partijiet. Għalhekk, il-każijiet li fihom jista' jingħata, kif kontemplat speċifikatament mil-liġi, għandhom jiġu interpretati ristrettivament;

Illi sadattant, ix-xogħol ta' din il-Qorti, sakemm tkun għadha qiegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza attakkata, huwa dak li tara biss jekk kemm-il darba tirriżultax imqar waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin fl-artikolu 811 tal-Kodiċi Proċedurali. Fl-istadju in rescindente din il-Qorti m'għandhiex tgħarbel mill-ġdid dwar jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza attakkata;

Illi dan kollu jinġabar taħt ir-regola li huwa mixtieq u meħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza tad-dritt u fejn kawża tkun inqatgħet b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat din m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi. Dan kollu mbagħad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur*;

Illi huwa wkoll prinċipju aċċettat li l-proċess ta' ritrattazzjoni ma jservix bħala t-tieni appell, b'mod li taħt l-iskuża ta' xi nuqqas proċedurali, l-Qorti tkun mistiedna biex terġa' twettaq eżerċizzju ta' ri-eżami li, fil-fatt, ma jkun xejn aktar minn skrutinju mill-ġdid tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmulin mill-Qorti fis-sentenza li tagħha jintalab it-tħassir u s-smigħ mill-ġdid. Dan jgħodd għal kull waħda millkawżali maħsubin fl-artikolu 811 tal-Kodiċi" [Appell Superjuri - **Franco Dipasquale vs Gaetano Abela** - 03.11.2015]

Esposti l-principji generali li jirregolaw l-istitut tar-ritrattazzjoni il-Qorti issa ser tghaddi sabiex titratta l-eccezzjonijiet imressqa mill-intimat.

**L-Ewwel Eccezzjoni**.

Permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu r-ritrattat jeccepixxi illi l-azzjoni istitwita mir-ritrattandi hija improponibbli in kwantu r-ritrattandi ma hallsitux l-ispejjez gudizzjarji fil-kawza Citaz nru 1130/97 li kienet giet kancellata fid-9 ta' Frar 2000. Fil-fehma tal-Qorti din l-eccezzjoni hi manifestament infondata. Ghalkemm fit-trattazzjoni finali l-Avukat tar-ritrattat ma ghamel l-ebda referenza ghal din l-eccezzjoni tieghu, apparentement l-intimat ritrattat qed jinvoka l-**Artikoli 99 u 200 tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta li jitrattaw dwar l-ispejjez relativi ghall-kawzi kancellati minn fuq il-listi u kawzi li jmorru dezerti. Huwa evidenti illi sabiex parti f'kawza deciza titlob validament ir-ritrattazzjoni tal-kawza mhux mehtieg ad validitatem illi qabel titlob ir-ritrattazzjoni thallas l-ispejjez gudizzjarji ta' kawza ohra bejn l-istess partijiet li tkun marret dezerta.

**It-Tieni Eccezzjoni**.

Fit-tieni eccezzjoni tieghu r-ritrattat eccepixxa li l-gudizzju mhux integru peress li r-ritrattandi ma harkitx lill-kuraturi deputati li kienu rraprezentawha fil-kawza li r-ritrattazzjoni taghha qed tintalab bil-prezenti proceduri.

Din l-eccezzjoni llum hija sorvolata in kwantu permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2013, fuq talba tar-ritrattat A B, l-Qorti kjamat in kawza z-zewg kuraturi deputati msemmija. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

**It-Tielet Eccezzjoni**.

Permezz tat-Tielet Eccezzjoni tieghu ir-ritrattat talab li l-mandatarja specjali tal-assenti ritrattandi ghandha qabel xejn tipprezenta prova tal-"mandat specjali" taghha

In segwitu ghal din l-eccezzjoni il-mandatarja specjali ezebit il-prokura li permezz taghha giet nominata mandatarja specjali mir-ritrattandi sabiex tirraprezentaha f'dawn il-proceduri.[10] Kosegwentement anke din l-eccezzjoni ser tigi respinta.

**Ir-Raba' l-Hames Eccezzjoni**.

---

[10] Prokura ezebita a fol. 49

Fir-raba' u l-hames eccezzjoni tieghu ir-ritrattat jeccepixxi fil-mertu illi t-talbiet tar-ritrattandi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-ritrattat "ma kienx jaf l-indirizz ta' martu minhabba li kienet iccaqalqet minn fejn kienet qieghda toqghod u ma kienx jaf fejn kienet qieghda tirrisjedi u minkejja d-diversi tentativi sabiex jikkuntatjaha dawn spiccaw fix-xejn." Jeccepixxi wkoll li "ma hemm ebda frodi jew ingann".

Permezz ta' dawn iz-zewg eccezzjonijiet ir-ritrattat qed jikkontesta sew il-kawzali tal-qerq lilu imputat mir-ritrattandi sew il-kawzali li r-ritrattandi ma kenitx giet notifikata skond il-ligi.

Jehtieg ghalhekk li jigu trattati l-kawzali li fuqhom hija msejsa t-talba ghar-ritrattazzjoni.

**Artikolu 811 (a) - Qerq Procedurali - Qerq Gudizzjarju**

Permezz tar-rikors guramentat taghha r-ritrattandi qed titlob li s-sentenza fl-ismijiet "A Caruana vs Av. Dr Beppe Fenech Adami et noe" moghtija fis-6 ta' Dicembru 2007 minn din il-Qorti diversament presjeduta, tigi mhassra u revokata ai termini tal-Artikoli 811 (a) u (b) tal-Kap 12. u konsegwentement tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza nru 133/2006NC.

**Artikolu 811 (a)** jipprovdi illi sentenza tista' tigi mhassra f'kawza ta' ritrattazzjoni jekk jirrizulta li s-sentenza attakkata tkun ittieħdet bil-qerq ta' waħda mill-partijiet bi ħsara tal-oħra;

Kif gie dikjarat fil-kawza "**Fortunato Pisani vs Antonio Pisani**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 1942:

"Mhux kwalunkwe dolo jew ingann ta' parti kontra l-ohra jista` jaghti lok ghar-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni, izda meta minhabba r-raggiri jew l-attijiet frawdolenti tal-parti l-avversarju gie mqieghed fl-impossibilita` ta' difiza gusta u tajba……Jekk il-parti naqset li ggib xi prova mhux minhabba d-dolo tal-parti l-ohra, imma ghan-negligenza taghha, ma tistax, wara li jkun hemm sentenza li ghaddiet f'gudikat, tmur ghar-rimedju tar-ritrattazzjoni."

Recentement il-Qorti tal-Appell kellha okkazzjoni titratta *in funditus* dan is-sub inciz fil-kawza "**Socjeta' Kummercjali Scicluna Enterprises (Gozo) Limited vs Michael Cini et**" deciza fid-9 ta' April 2014. F'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell issottolineat illi d-dolo li ghandu jigi investigat ai termini tal-Artikolu 811 (a) ma hux dolo fil-mertu tal-kawza li qed tigi impunjata izda qerq adoperat bl-iskop li l-parti leza tigi mcahda minn smiegh xieraq. Il-parti rilevanti tas-sentenza u l-gurisprudenza hemm citata rigwardanti l-interpretazzjoni tal-Artikolu 811 (a) hi s-segwenti:-

"Il-Qorti ghalhekk se tinvestiga l-ewwel jekk tirriskontrax qerq ai termini tal-Artikolu 811 (a) fuq imsemmi. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-10 ta' Jannar 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Edgar Vella v. Joseph R Grech** qalet illi: "Dan id-dover mhuwiex facli ghaliex il-gurisprudenza fir-rigward hija pjuttost skarsa ghal dak li jirrigwardja l-kuncett ta' 'qerq' li hija traduzzjoni fil-lingwa maltija tal-kelma 'dolo' fit-test originali bit-taljan kemm fl-edizzjoni originali tal- 1854 kif ukoll fl-emendi sussegwenti li saru fl-1850 u fl-1886. Fit-test fil-lingwa Ingliza intuzat il-kelma 'deceit' u ghalhekk ukoll 'qerq' tfisser 'ingann'. Ghalhekk per esempju b'qerq il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tat-13 ta' Lulju 1942 fl-ismijiet **Pisani utrimque** kitbet mhux kwalunkwe dolo jew kwalunkwe ingann ta' parti kontra l-ohra li jwassal ghat thassir tas-sentenza u ghalhekk dik l-interpretazzjoni li tat din il-Qorti .. fil-kawza **Meilaq vs Camilleri noe** tas-17 ta' Mejju 1989 ... kienet 'good law'... Logikament l-ingann isir ghad-dannu tal-parti l-ohra izda hija l-Qorti li tigi ingannata."

L-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Carmel Borg v. Henry Thake** (deciza fl-14 ta' Novembru 1997) qalet illi: "Is-subinciz (a) tal-Artiklu 811 ma jaghtix lok ghal ritrattazzjoni fil-kaz li jkun hemm frodi. Is-smigh mill-gdid jista' jigi akkordat biss jekk is-sentenza tkun ittiehdet b' qerq. Il-qerq jew il-frodi allura ma jridux ikunu irrizultaw jew ma jkunux iridu jkunu relatati mal-meritu li ipprovoka l-vertenza u li gie trattat quddiem il-qrati u minnhom deciz, imma jridu jkunu irrizultaw jew ikunu relatati mal-proceduri decizi bis-sentenza appellata u bihom inficcjata. Is-sub inciz jipprovdi ghal smigh mill-gdid fil-kaz fejn is-sentenza tkun ittiehdet b' qerq u mhux fejn il-pretensjoni tal-attur fit-talba tkun ghal kreditu li origina minn agir allegatament delittwuz jew qarrieqi tal-konvenut. Il-qerq allura irid ikun qerq gudizzjarju, jigifieri inerenti mal-proceduri."

Zewg sentenzi li dahlu fil-fond tal-problema kienu dawk tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Edward Cassar v. Francis Sammut** (12 ta' Frar 2004) u tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza **Michael Cutajar v. Roberta Muscat** (12 ta' Mejju 2003). L-ewwel wahda qalet hekk fost affarijet ohra: "Ghar-rigward it-talba ta' ritrattazzjoni ibbazata fuq qerq, tajjeb illi jinghad li originarjament il-ligi kienet tippermetti ritrattazzjoni ' se vi e' stato dolo' minghajr il-htiega Ta' raggiri da parti f' kawza. Kien hemm il-biza' allura illi dan il-paragrafu seta' jintuza f' kaz ukoll ta' 'dolo reale, ossia in re ipsa, e derivante daLla lesione che venisse a soffrire col giudicato il soccombente nel caso di una ingiustizia' u allura dak il-paragrafu gie emendat biex jigi carat li r-ritrattazzjoni tista' tintalab biss f' kaz ta' dolo personale (Ara **Theuma Castelletti vs Chetcuti** deciza minn din il-Qorti fit-3 ta' Jannar 1873).

Dan ifisser li mhux kwalunkwe qerq jista' jwassal ghar-ritrattazzjoni ta' kawza izda hu mehtieg illi dan ikun ipprattikat mill-parti l-ohra fil-kawza u s-sentenza inghatat fuq cirkostanzi li jirrizultaw minn dak il-qerq. L-Onorabbli Qorti tal-

Appell fil-kawza **Borg vs Thake** (supra) qalet li 'biex tithassar sentenza fuq allegazzjoni ta' qerq irid jirrizulta li dak li jkun gie impedut milli jressaq difiza ghall-allegazzjoni tal-parti l-ohra. Dan ifisser li l-qerq uzat irid ikollu effett fuq id-decizjoni b' mod li s-sentenza kienet tinghata kif inghatat li ma kienx ghall qerq uzat.'

Fil-kawza **Bugeja nomine vs Kummissarju tal-Art** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Jannar 2002 intqal li mhux kwalunkwe dolo jew ingann ta' parti kontra l-ohra jista' jaghti lok ghar-rimedju straordinarju tar-rittrattazzjoni izda meta minhabba raggiri jew l-attijiet frawdolenti tal-parti avversarja dan ikun gie imqieghed fl-impossibilita' ta' difiza gusta u tajba (ara ukoll VOl XXXI-1-231)."

- omissis -

Ghall-finijiet ta' din il-kawzali jixraq jinghad li biex tirnexxi din il-kawzali, irid jintwera li l-qerq ma jkunx jirrizulta minn jew marbut mal-mertu li jkun diga' gie mistharreg fil-kawza li s-sentenza taghha jintalab li tithassar. Il-qerq li ghalih jirreferi dan l-artikolu huwa qerq procedurali li l-parti ritrattata jintwera li wettqet bi hsara tal-parti ritrattanda li, minhabba fih, tkun tilfet il-kawza originali . Tali qerq irid jippruvah min jallegah. Minbarra dan, biex il-qerq procedurali jsejjes talba ghas-smigh mill-gdid ta' kawza, jehtieg li dak il-qerq irid ikun jikkonsisti f'raggiri jew atti frawdolenti li, minhabba fihom, il-parti l-ohra titqieghed fl-impossibilita' li tiddefendi ruhha fil-kawza kif imiss u minghajrhom il-kawza ma kinitx tinqata' kontra l-parti mgarrba. Ghalhekk, fejn in-nuqqas ta' difiza jew tressiq xieraq tal-kaz tal-parti jkun gej mit-traskuragni ta' dik l-istess parti, ma jinghatax li l-kawza terga' tinstema' mill-gdid.

- omissis -

Fuq kollox, biex tghodd id-dispozizzjoni tal-artikolu 811(a) tal-Kodici, jehtieg li l-qerq procedurali mwettaq ikun determinanti biex il-parti l-ohra tkun tilfet il-kawza. Ghalhekk, fejn il-parti li bi hsara taghha jkun sar l-ghamil qarrieq setghet tintebah bih waqt il-kawza jew, minkejja li ntebhet b'dak l-ghemil, ma tkunx gibdet f'waqtha l-attenzjoni tal-Qorti, imbaghad m'huwiex moghti lil dik il-parti r-rimedju tas-smigh mill-gdid tal-kawza talli naqset milli tinqeda bl-ghodda procedurali li kellha ghad-dispozizzjoni taghha."[11]

Ikkunsidrat;

---

[11] Ara wkoll:

**Borg Joseph vs. Muscat Carmel et** - App. Sup. - 30.03.2001
**Azzopardi Vincent vs. Blye Engineering Co Ltd** - PA - 28.01.2004
**Bonnici Giuseppe et vs. Incorvaja Leonard et** - PA - 03.10.2003
**Baldacchino Herbert noe vs. Pace Cecil et noe et** - App. Sup. - 22.04.2004
**Yates Robert noe vs. Aquilina Anthony sive Tony -** App. Sup. - 16.02.2004

Jirrizulta illi matul il-kawza 133/06NC quddiem din il-Qorti diversament presjeduta A B gie mistoqsi diversi drabi mill-Qorti jekk kienx jaf fejn qed tirrisjedi martu fl-esteru u kull darba irrisponda li ma kienx jaf. Tenut kont ix-xhieda li nstemat fil-kawza odjerna il-Qorti hi tal-fehma illi fit-testimonjanza tieghu fil-kawza 133/06NC A B ma qalx il-verita' meta qal li ma kienx jaf fejn qed tirrisjedi martu fl-esteru u li ma kellux informazzjoni dwar kif setghat issir komunikazzjoni maghha..

Ir-ritrattandi rnexxielha tipprova sodisfacentement li fiz-zmien rilevanti r-ritrattat kien jaf perfettament fejn qed tirrisjedi kif ukoll kien jaf in-numru tat-telefon taghha.

Il-qerq procedurali adoperat mir-ritrattat jirrizulta minn sensiela ta' azzjonijiet minnu kommessi intizi sabiex ir-ritrattandi ma ssirx taf bil-proceduri gudizzjarji li kien hemm pendenti kontra taghha fil-gurisdizzjoni Maltija. Fir-rikors ghan-nomina ta' kuraturi deputati ghall-assenti pprezentat mir-ritrattat fl-1 ta' Marzu 2006 fil-proceduri ta' medjazzjoni numru 225/06 huwa ddikjara li "ma jafx fejn hi". Jirrizulta illi meta gie sabiex jinnotifika bil-bandu l-atti tar-rikors ghan-nomina ta' kuraturi deputati ghall-assenti A B minghajr l-ebda spjegazzjoni innotifika lill-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud, persuna li ma kenitx la membru tal-familja tal-assenti u wisq anqas habiba tal-assenti.

Kuratur ghall-assenti huwa nominat mill-Qorti bis-sahha tal-**Artikolu 929 tal-Kap. 12**.

Artikolu 931 jipprovdi l-procedura li ghandha tigi segwita fin-nomina ta' kuraturi ghall-assenti. Huwa provdut illi l-qorti, wara d-digriet tal-ħatra tal-kuraturi, toħroġ bandi, illi għandhom jiġu mwaħħla fid-daħla tal-edifizzju fejn ilq-orti toqgħod. Kopja ta' dawn il-bandi flimkien ma' kopja tal-iskrittura jew verżjoni qasira tagħha <u>għandha tiġi nnotifikata lil wieħed mill-eqreb qraba</u> tal-persuna li għandu jkollha kuratur li jidher għaliha……. u jekk ebda qarib ma jkun magħruf, din il-kopja għandha tiġi notifikata lil xi ħadd ieħor magħruf bħala li hu jew li kien ħabib tal-persuna li għandha interess.

Huwa wkoll provdut illi meta ma jkun maghruf l-ebda qarib jew l-ebda habib tal-assenti il-qorti tista' tordna li minflok in-notifika lil qarib jew habib kopja tal-bandi flimkien ma' kopja tal-iskrittura jew verżjoni qasira tagħha tiġi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern u f'għallinqas żewġ gazzetti ta' kuljum bi spejjeż għall-applikant. Anke hawn gie adoperat mir-ritrattat qerq procedurali in kwantu meta indika lil PL Rossignaud bhala l-persuna li ghandha tigi notifikata bil-bandi, zvija lill-Qorti sabiex jevita l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'zewg gazzetti ta' kuljum.

Ironikament b'digriet moghti fil-21 ta' Marzu 2006 il-Qorti wara li ddikjarat li "ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija" innominat bhala kuraturi ghall-assenti lil Dott. Beppe Fenech Adami u lill-istess PL Veronica Rossignaud.

Fix-xhieda tieghu ir-ritrattat ammetta li kien jaf fejn kienet toqghod oht martu u ghalhekk ma kien hemm l-ebda xkiel sabiex jindika lil oht ir-ritrattandi bhala l-persuna li tigi notifikata bil-bandi. Ir-ritrattat kien fid-dover li jaghti lill-kuraturi id-dettalji ta' oht ir-ritrattandi lill-kuraturi deputati u li jinnotifikaha ghalmenu bil-bandi.  Minflok ghall-finijiet ta' notifika tal-bandi r-ritrattat ghazel li jnizzel l-isem ta' persuna li ma kellha l-ebda konnessjoni mal-assenti.  Anke dan jammmonta ghal qerq procedurali fit-termini tal-Artikolu 811 (a) tal-Kap. 12.

**Artikolu 936 tal-Kap. 12** jipprovdi illi l-kuraturi għandhom jagħmlu l-ħila tagħhom kollha għad-difiża tal-interessi li għalihom ikunu jidhru. Id-dmirijiet tal-kuraturi jinkludu *inter alia*:

(a) li jinvestigaw sewwa dwar il-jeddijiet tal-persuni li jirrappreżentaw u li jidentifikaw dawn il-jeddijiet;

(b) li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jittutelaw il-jeddijiet imsemmija qabel;

(ċ) li jikkuntattjaw minnufih lill-persuna jew persuni li jkunu qed jirrappreżentaw, jekk l-indirizz ikun magħruf, u jekk mhux magħruf għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu jagħmlu biex isiru jafu l-indirizzi tagħhom.

Il-kuratur deputat Dott. Beppe Fenech Adami ezabixxa ittra li kien bghat lil Dott. Martin Fenech jitolbu l-indirizz tal-assenti. Fix-xiehda tieghu Dott. Fenech qal illi fittex fil-files tieghu u ma setax isib dik l-ittra u li ghalhekk kien qed jikkonkludi li ma kienx irceviha. Il-Qorti ttendi temmen il-verzjoni ta' Dott. Fenech Adami in kwantu huwa aktar minn verosimili li l-kuratur deputat kiteb lill-Avukat tar-ritrattat sabiex jinghata l-indirizz tal-assenti li kien qed jirraprezenta. L-insistenza ta' Dott. Fenech illi ma rceviex dik l-ittra ma hiex wisq f'lokha.  Anke jekk ghas-sahha tal-argument ma kienx irceva dik l-ittra ghaliex intilfet fil-posta, huwa evidenti mill-istess xhieda ta' Dott. Fenech illi r-risposta tieghu ghal tali ittra kienet ser tkun li l-patrocinat tieghu m'ghandux mezz kif wiehed jikkomunika mal-asenti.

Kien doveruz fuq ir-ritrattat illi jghaddi lill-kuraturi deputatui kwalunke informazzjoni rilevanti li kellu, inkluz l-indirizz ta' oht l-assenti, in-numru tat-telefon ta' martu u ta' ohtha, in-numru fuq facebook, mezzi ta' komunikazzjoni ma' uliedu residenti fl-esteru, u informazzjoni rilevanti ohra  li permezz taghhom il-kuraturi setghu jikkomunikaw mal-assenti.

Il-Qorti temmen il-verzjoni li ta l-kuratur deputat Dott. Beppe Fenech Adami illi huwa kien kiteb lil Dott. Martin Fenech fit-12 ta' Mejju 2006 jitolbu sabiex "immedjetament tghaddili kwalunkwe informazzjoni u indirizz dwar fejn nista' nikkomunika mal-imsemmi assenti". Fil-fehma tal-Qorti ir-ritrattat intenzjonalment u dolozament ma nformax lid-deputati kuraturi ghall-assenti bl-informazzjoni li kellu li setghat twassal lill-kuraturi jikkomunikaw b'success mal-assenti.

Dan, fil-fehma tal-Qorti, jikkwalifika bhala l-qerq kontemplat fl-Artikolu 811 (a) ghaliex huwa manifestament il-qerq procedurali li cahhad lir-ritrattandi milli tressaq difiza fil-kawza.

**Artikolu 811 (b) - Nuqqas ta' Notifika.**

Artikolu 811 (b) jipprovdi illi hemm lok ghal ritrattazzjoni jekk jirrizulta li r-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża.

Gialadarba r-ritrattat kien jaf li r-ritrattandi qeghda tirrisjedi b'mod permanenti u b'mod abitwali fl-Irlanda, stat membru iehor tal-Unjoni Ewropea, huwa kien fid-dover li josserva il-ligi tal-Unjoni Ewropea dwar in-notifika ta' atti gudizzjarji bejn stat membru u stat membru iehor.

**Servizz ta' Atti Gudizzjarji bejn Malta u Stat Membru iehor tal-Unjoni Ewropea.**

Il-Qorti tirrileva illi una volta r-ritrattat kien jaf fejn martu qed tirrisjedi, ma kellux dritt jitlob in-nomina ta' kuraturi deputati ghall-assenti. Meta Malta saret stat membru tal-Unjoni Ewropea ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea saru jaghmlu parti integrali mil-ligijiet nostranti. Kien ghalhekk applikabbli **Regolament (EC) numru 1393/2007** "**On the service in the Member States of judicial and extrajudicial documents in civil or commercial matters (service of documents)**". Fejn tidhol notifika ta' atti gudizzjarji bejn stat membru u stat membru iehor huma biss zewg cirkostanzi fejn dan ir-regolament ma hux applikabbli.

Kif gie dikjarat mill-Qorti Generali tal-Qorti Ewropea tal-Gustizzja fil-kaz **Krystyna Alder et.v Sabina Orłowska** deciz fil-15 ta' Gunju 2011 - dawn ir-regolamenti m'humiex applikabbli:

"(i) where the permanent or habitual residence of the addressee is unknown and

(ii) where that person has appointed an authorised representative in the Member State where the judicial proceedings are taking place."

Fil-kaz odjerna l-ebda wahda miz-zewg cirkostanzi ma kienet applikabbli in kwantu r-ritrattat kien jaf fejn ir-ritrattandi qed tirrisjedi filwaqt li kien jaf li r-ritrattandi ma kienet appuntat lil hadd fil-gurisdizzjoni Maltija sabiex jirraprezentah.

In-nuqqas tar-ritrattat li jinnotifika lir-ritrattandi bl-atti tar-rikors guramentat numru 133/06 jikwalifika bhal n-nuqqas ta' notifika kontemplat fl-Artikolu 811 (b) tal-Kap. 12

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi ghar-ragunijiet fuq esposti tichad l-eccezzjonijiet kollha tar-ritrattat,

1. Tilqa' l-ewwel talba u ai termini tal-Artikolu 811 (a) u (b) thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) Rikors Guramentat numru 133/2006 NC fl-ismijiet "A B vs L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti A B li giet deciza fis-6 ta' Dicembru 2007;

2. Tilqa' t-tieni talba, u tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza ai termini tal-Artikolu 811 (a) u (b).

Bl-ispejjez kontra r-ritrattat A B kif mitlub.

**Imhallef** **Deputat Registratur**